MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 13/2009

Mark u Carmen Pace (Id. 547677M) u (Id. 513078M) ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Marcar Services.

Vs

R.G.D. Limited (C18097).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu illi s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallashom is-somma ta' tlett elef, erba mija u erba u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06), rapprezentanti servizzi rezi lilha in konnessjoni ma kiri ta' karozza. Bl-imghax u bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef, erba mija u erba u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------